# QUDDIEM XBIEHA TAL-MADONNA

*Ta'* P. Alfred M. Previ, O.P.

Kemm inħoss tfur il-ħena ġewwa qalbi
Meta f'riġlejk nintafa' f'din is-sikta,
Għaliex hawn biss inħoss jinstama' talbi,
Hawn biss issib is-serħ dir-ruħ imnikkta.

U f'dan id-dawl inemnem ċkejken, nilmaħ
Id-dmugħ ileqq fi ħbub għajnejk żgeġija,
U maċ-ċaqliq kull tant tad-dawl, bħal minfaħ
Lil sidrek tiela' u nieżel fit-tbatija.

Għax taf Madonna id-deghbien li jbiegħed
Lil qalbek minn dir-ruħ tad-dnub ilsira,
Dir-ruħ fil-ħażen mgħarrqa, li titriegħed,
Imneżżgħa minn kull ġieħ, marida, fqira.

U nħossok tgħidli int u tħares lejja:
Minn dnubek indem, miftuħin idejja.